MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 476/2014

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremetta :

Illi huwa zzewweg mal-intimata fl-10 ta' Ottubru 1981 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt'itfal cioe K li twieled fl-20 ta' Ottubru 1988 u M li twieled fit-2 ta' Mejju 1991, it-tnejn maggorrenni u t-tnejn jahdmu full-time;

Illi huma sseparaw konsenswalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood tat-30 ta' April 2002 u ilhom attwalment separati minn dak iz-zmien sallum u ma hemm l-ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi l-partijiet huma domiciljati Malta;

Illi z-zewgt itfal kibru u ghalqu it-23 sena;

Illi l-partijiet irrinunzjaw ghall-manteniment minghand xulxin;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna illi wara li jghaddi z-zmien utili skont il-ligi, li kopja tad-digriet relattiv jigi komunikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jigi debitament registrat skont il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata li biha tiddikjara li qed taghti ruhha b'notifikata bir-rikors u li taqbel mat-talba tad-divorzju kif proposta;

Hija tiddikjara ulterjorment li tixtieq li izzomm l-kunjom B;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Novembru, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-intimata ddikjarat illi tixtieq izomm il-kunjom B u ir-rikorrenti ma oggezzjonax ghal din it-talba, ghalhekk il-Qorti tilqa’ din it-talba;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta’ April 2002;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tawtorizza lill-intimata sabiex izzomm kunjomha, B, u qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------